ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-374 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 25 ta' Awwissu, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Robert Buhagiar daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

Is-Sur Frans Catania kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-373 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mid-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) għall-ittra li l-Kunsill kiteb dwar xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema *Public Private Partnership*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv u qal li din l-ittra ser tinqara waqt l-*item* Korrispondenza.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) dwar *Public Private Partnership* għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont li kien ser jingħata ġie kkalkulat fuq n-nefqa li hi prevista fuq *resurfacing* biss ta' dawk it-toroq li ġew magħżula mill-Kunsill, u li l-għajnuna li ser tingħata tammonta għal €393,508.82. L-istima li saret mill-Kunsill li tinkludi t-tibdil ta' bankini iżda teskludi xi tibdil jew tiġdid ta' servizzi ta' entitajiet oħra tammonta għal €521,668.

Is-Sur Grech issuġġerixxa li fiċ-ċirkustanzi, minħabba tnaqqis fil-fondi li ser jingħataw mill-Gvern, isiru wħud mit-toroq li l-Kunsill kien oriġinarjament ippropona. Is-Sur Grech semma l-fatt li l-Gvern informa pubblikament lill-pubbliku bil-lista ta' toroq li orinġinarjament kienu ser isiru.

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar daħal għal-laqgħa

Is-Sinjura Calleja qalet li waqt il-programm li kellha fuq Radju Hompesch kienet spjegat li l-Kunsill kien qed jistenna risposta dettaljata dwar it-talba għal għajnuna finanzjarja li kienet saret taħt l-iskema *Public Private Partnership.*

Is-Sindku ppropona li wara t-tnaqqis fl-għajnuna finanzjarja li ser jingħata, il-Kunsill iressaq talba oħra biex isiru dawn it-toroq: Triq Ġanni Bonavia, Sqaq Berqi, Triq Monsinjur Luigi Catania, Triq Leli Tabone, Triq il-Grazzji u Triq il-Grazzji Sqaq Nru 1 – 4, Triq Melita u Triq il-Magħsar. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel talba formali biex isiru dawn it-toroq.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill Lokali għall-inawgurazzjoni ta' *Local Talent Art Exhibition* li ser titella' fil-Mużew tas-Santwarju nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Awwissu, 2010.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill Lokali mill-Grupp Armar Żabbar għar-riċeviment tal-festa li ser isir fis-Sala Notre Dame nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Awwissu, 2010.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill Lokali mill-Kunsill Ċiviku Żabbar għal-Lejla Kulturali Jum il-Belt Hompesch 2010 li ser isir fis-Sala r-Ragħaj it-Tajjeb nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Settembru, 2010.

Inqara invit mibgħut mill-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħaż-Żabbar fejn is-Sindku u l-Kunsilliera ġew mistiedna għar-riċeviment li ser isir fl-okkazzjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja nhar il-Ħamis, 9 ta' Settembru ,2010 fil-Kazin tal-Partit.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarja Eżekuttiv tar-Reġjun Xlokk dwar laqgħat regolari li qed isiru ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar sabiex jiddiskutu proposti li jistgħu jtejbu r-relazzjoni bejn il-Kunsilli u l-MEPA. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Settembru, 2010 fit-8.45 ta' filgħodu. Is-Sur J Pace ser jattendi f'isem il-Kunsill għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fejn il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment ma kienx interessat fil-*Fire Engine* li ġiet offruta mill-Kunsill ta' Eschborn.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-għaqda tal-volontarjat EFRU li taħdem taħt il-kappa tal-Protezzjoni Ċivili f'każ ta' inċidenti u bżonnijiet nazzjonali, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kienu nteressati li jieħdu l-*Fire Engine*, madankollu xtaqu aktar informazzjoni teknika fuq il-vettura.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kuntrattur Nicholas Casha responsabbli mis-servizz ta' ġbir ta' skart f' Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz kien qed isir b'żewġ *scammels* u *scammel* ieħor jintuża meta tinħass il-ħtieġa. Is-Sur Casha sostna li dan qed isir mingħajr ma tonqos il-kwalita tas-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan, sakemm is-servizz jibqa' kif sar sa issa u ma tonqosx il-kwalita tas-servizz provdut.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett ENESCOM u l-Patt tas-Sindki fejn il-lokalitajiet qed jiġu mħeġġa jnaqqsu l-emissjonijiet b'20% sas-sena 2020. Il-Proġett jipprovdi għal erba' lokalitajiet li jidħlu fil-Patt tas-Sindki u għaldaqstant il-Kunsill kien qed jiġi mistieden jissieħeb f'dan il-proġett.

Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarjat tal-Anzjani u kura fil-komunita' dwar in-nominazzjonijiet għall-premju anzjan tas-sena 2010 li se jintlaqgħu sat-13 ta' Settembru, 2010. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi din il-korrispondenza lis-Sotto Kumitat għall-Anzjani.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana dwar l-awguri tal-festa lir-residenti. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li m'għandux jagħmel spejjeż oħra biex jawgura l-festa t-tajba.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, Żabbar fejn il-Kunsill intalab jipprovdi erba' *mobile toilets* f'Misraħ is-Sliem fil-ġranet tal-festa, kif ukoll reċipjent biex fih jintremew il-fliexken. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li, bħal ma sar fis-snin l-imgħoddija, jerġa' jiġi provdut dan is-servizz.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni Parrokjali Adolexxenti u Żgħażagħ Ħaż-Żabbar dwar attivita sportiva li ser issir nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2010 bil-għan li tiġbor flimkien liż-żgħażagħ Żabbarin.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni Santa Ġovanna Antida li qed taħdem id f'id mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar sabiex titwettaq ħidma b'risq individwi u familji li qed jiffaċċjaw sfidi u diffikultajiet kbar f'ħajjithom. Il-Fondazzjoni espremiet ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kunsilliera sabiex flimkien jikkollaboraw għall-ġid tal-komunità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku s-Sur Pace u s-Sur Grech jiltaqgħu mal-Fondazzjoni Santa Ġovanna Antida.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Yvette Buhagiar fejn talbet li tiltaqa' mal-Kunsill Lokali sabiex tiġi diskussa l-possibilita' li jittella' programm ta' arti u żfin għaż-Żabbarin.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-4 ta' Awwissu, 2010 u l-25 ta' Awwissu, 2010 li kien jammonta għal €29,237.91. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sur Bonnici u ssekondata mis-Sur Pisani, biex il-Kunsill jikkonsidra jekk il-ġemellaġġ bejn iż-żewġt ibliet għandux ikompli wara li r-relazzjoni bejn Villabate u Ħaż-Żabbar ma baqgħetx b'saħħitha riżultat tal-fatt li Villabate kważi qatgħu kull kuntatt mal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lis-Segretarju Parlamentari, lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni biex il-ġemellaġġ ma' Villabate jintemm.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għax-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku (ZLC 6/2010)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi tlett offerti għax-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2010). Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll rapport dettaljat li tħejja mill-Perit Dr George Buhagiar dwar l-offerti mitfugħa għal dan ix-xogħol. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| Kuntrattur | Prezz | Dokumenti |
|---|---|---|
| Is-Sinjuri Gordon & Lucienne Ellul | €84,623.08 | Mimlija u ffirmati |
| PSV Turnkey Contractors Ltd | €69,019.89 | Mimlija u ffirmati |
| AJ & F Attard Ltd | €71,351.05 | Mimlija u ffirmati |

Il-Kuntratturi ġew mitluba wkoll jipprovdu pjan ta' ħidma kif se jitwettqu x-xogħlijiet. Skond ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill il-pjan ta' ħidma tas-Sinjuri Gordon & Lucienne Ellul ma kienx teknikament korrett. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel offerta dik mingħand PSV Turnkey Contractors Ltd li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Buttigieg ppropona li l-Kunsill jikteb lil *Transport Malta* biex isiru *double yellow lines* tul it-triq kollha fi Triq Santa Tereża. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Buttigieg iżda din il-proposta m'għaddietx b'erba' voti kontra u żewġ voti favur.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li Triq Santa Tereża issir *one-way* u talab lill-Kunsill jikkunsidra li jsir dan.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jitnaddaf Sqaq Fwieni u Misraħ Alofju de Wignacourt.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li titnaddaf il-bankina fi Triq is-Santwarju ma' Triq G Agius Muscat minħabba li kien waqa' xi żejt fuqha.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li jinbidlu l-bozoz maqtugħa li hemm fi Triq is-Santwarju, f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kif ukoll fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sindku semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq il-Grazzji.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienx hemm risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni ta' kmamar fiċ-Centru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Bonnici saħaq li l-Kunsill għandu jagħmel stqarrija pubblika dwar l-istat ta' Triq tal-Labour.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jinstabu u jittellgħu fil-wiċċ il-manholes tad-drenaġġ li hemm fi Triq Pellegrinagg tar-Roti u li jinsabu mirduma.

Is-Sur Bonnici talab lill-kunsilliera biex jekk inhu possibli jkunu preżenti għall-attivitajiet kollha konnessi maż-żjara tad-delegazzjoni mill-Kunsill ta' Eschborn u l-iffirmar tal-ġemellaġġ bejn iż-żewġt ibliet li ser isir nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Settembru, 2010.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li jitnaddfu aktar spiss il-b*ring-in-sites* li hemm fi Triq Santa Duminka.

Is-Sinjura Calleja semmiet ukoll il-bżonn li jinbidlu r-reċipjenti tal-b*ring-in-sites* li hemm fi Triq l-Għakrux u dan minħabba li wħud minnhom kellhom il-qiegħ miksur.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-375 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 23 ta' Settembru, 2010.

Domenic Agius
Sindku